

# IL-ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-FIDI F'SAN PAWL

***Fr Marcello Ghirlando***

*Għadhom kif għalqu ċ-ċelebrazzjonijiet li fakkru il-ħames mitt sena mir-Riforma mwettqa minn Martinu Luteru. Kienet it-tema tal-Ġustifikazzjoni fil-Fidi li firdet għal sekli l-Kattoliċi mir-riformaturi. Nixtieq li f'dan l-artiklu niġbor flimkien x'temmen il-Knisja Kattolika dwar il-Ġustifikazzjoni fil-fidi billi niġbor hawn taħt, f'traduzzjoni u adattament, l-ideat ippreżentati mill-Papa Benedittu XVI f'żewġ Udjenzi Ġenerali (19 u 26 ta' Novembru) tas-sena 2008.*

## Kif jiġi ġġustifikat il-bniedem quddiem Alla?

Meta Pawlu ltaqa' mal-Mulej Ġesù fit-triq ta' Damasku kien bniedem realizzat: "għal dik li hi ġustizzja tal-Liġi, ħadd ma seta' jgħid xejn fija (Fil 3:6), "kemm kont 'il quddiem fir-reliġjon Lhudija fost il-poplu tiegħi aktar minn sħabi kollha ta' mpari mġennen kif kont għat-tradizzjonijiet ta' missirijieti" (Gal 1:14). Id-dawl ta' Kristu fit-triq ta' Damasku għamel minnu ħolqien ġdid: il-merti kollha li qies li kellu minħabba l-imġiba reliġjuża sħiħa tiegħu saru xejn: "Jien ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih; mhux għax għandi xi ġustizzja tiegħi, dik li tiġi permezz tal-Liġi, iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu; il-ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi" (Fil 3:8-9). Mela, mhux aktar l-opri tal-Liġi, imma l-għarfien ta' Kristu Ġesù, Mulej tiegħu.

Ir-relazzjoni bejn Pawlu u l-Irxoxt saret daqshekk profonda li twassal lil Pawl jistqarr li Kristu kien sar il-ħajja kollha tiegħu: "Għax għalija l-ħajja hi Kristu u l-mewt hija rebħ" (Fil 1:21). Mhux għax kien jiddisprezza l-ħajja, imma kien fehem li l-ħajja kollha tiegħu kienet kollha kemm hi msejsa fuq ix-xewqa li jkun ma' Kristu, bħal ġerrej fl-istadju, biex jilħqu u jkun dejjem miegħu. L-Irxoxt kien sar il-bidu u t-tmiem tal-ħajja tiegħu, is-sens u t-tmiem tal-ġirja tiegħu. Kienet biss il-preokkupazzjoni u l-maturazzjoni fil-fidi ta' dawk li kien evanġelizza u l-knejjes li kien waqqaf li bħal donnha ġegħlitu jimxi aktar bil-mod biex isieħeb miegħu l-fidili biex miegħu jaslu lejn it-tmiem: Kristu. Jekk fl-osservanza tal-Liġi preċedenti ma kellu xejn biex jikkritika lilu nnifsu f'dik li hi integrità morali, issa li Kristu kien dawlu kien jippreferi ma jgħaddix ġudizzju fuqu nnifsu (ara 1Kor 4:3-4) u jillimita ruħu li jagħmel ħiltu biex jilħaq





lil Dak li kien rebbħu għalih (ara Fil 3:12).

Hija din ir-relazzjoni personali ma' Kristu li Pawlu jqiegħed fiċ-ċentru tal-Vanġelu tiegħu oppożizzjoni netta bejn żewġ toroq li jwasslu għall-ġustizzja: waħda mibnija fuq l-opri tal-Liġi, l-oħra mibnija fuq il-grazzja tal-fidi f'Ġesù Kristu. L-alternattiva bejn il-ġustizzja ġejja mill-Liġi u dik ġejja mill-fidi f'Ġesù Kristu ssir għalhekk tema dominanti fl-ittri tiegħu: "Aħna, Lhud minn twelidna u mhux midinbin mill-Ġentili, aħna li nafu li l-bniedem ma jkunx iġġustifikat bl-opri tal-Liġi imma bil-fidi f'Ġesù Kristu, aħna wkoll emminna f'Ġesù Kristu, sabiex inkunu ġġustifikati bil-fidi fi Kristu u mhux bl-opri tal-Liġi, għaliex bl-opri tal-Liġi ebda bniedem ma jkun iġġustifikat" (Gal 2:15-16). U lill-Insara ta' Ruma jtenni: "Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla; għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù...Għax aħna għandna fehma sħiħa li l-bniedem ikun iġġustifikat permezz tal-fidi mingħajr l-opri tal-Liġi" (Rum 3:24-25).

Liema hi l-Liġi li minnha ġejna meħlusa? Liema huma l-opri tal-Liġi li ma jiġġustifikawx lill-bniedem? Per eżempju, diġà fil-komunità ta' Korintu kien hemm l-opinjoni (li qamet dejjem matul l-istorja) li din kienet il-liġi morali u li l-ħelsien nisrani kien fil-fatt ħelsien mill-etika (kollox huwa leċtu! - panta moi exestin!). Hu ovvju li din hija interpretazzjoni żbaljata: il-ħelsien nisrani mhuwiex libertà milli tagħmel dak li huwa tajjeb!

Il-Liġi li minnha jitkellem San Pawl hija t-Torah fit-totalità tagħha, il-ħames Kotba ta' Mosè. It-Torah kienet timplika, fl-interpretazzjoni fariżajka, dik li fih tħarreġ Pawlu, kumpless ta' mġiba li min-nukleu etiku kien imiss ġabra kbira ta' preċetti ritwali u kultwali li kienu jiddeterminaw sostanzjalment l-identità tal-bniedem ġust: inġibu quddiem għajnejna ċ-ċirkonċiżjoni, il-preċetti tal-ikel kosher, l-indafa ritwali, ir-regoli dwar il-ħarsien tas-sibt eċċ. Preċetti li kienu jiddeterminaw identità soċjali, kulturali u reliġjuża, identità li l-Lhud kienu jintrabtu bis-sħiħ magħhom biex ma jintilfux fil-kultura aktar wiesgħa u komuni tal-perijodu ellenistiku.

Tant kienet qawwija l-pressjoni fuq l-identità Lhudija u l-fidi f'Alla wieħed u l-wegħdiet tiegħu, li kien neċessarju jinbena ħajt madwar il-wirt tal-fidi; u

dan il-ħajt kien proprju din l-osservanza skrupluża tal-preċetti Lhud. Pawlu, li kien fehem dawn l-osservanzi bħala ħajt ta' kenn u ħarsien tad-doni ta' Alla, tal-wirt tal-fidi f'Alla wieħed, ra fil-libertà tal-insara theddida; u kien għalhekk li kien jippersegwitahom. Fil-mument tal-laqgħa tiegħu mal-Irxoxt, is-sitwazzjoni tinbidel radikalment. Bi Kristu, Alla ta' Israel, l-uniku veru Alla, isir Alla tal-popli kollha. Il-ħajt – kif jikteb f'Efesin – li kien hemm bejn il-Lhud u l-pagani ma kienx aktar neċessarju. Bil-qawwa tal-fidi fi Kristu għandna issa identità waħda espressa f'diveri kulturi; huwa Kristu li jagħmilna ġusti. Mhemmx bżonn aktar ta' dawk l-opri tal-Liġi...il-fidi hija biżżejjed: li tħares lejn Kristu, li tafda lilek innifsek lil Kristu, li tingħaqad ma' Kristu, li tikkonforma ruħek miegħu u ma' ħajtu. U l-ħajja ta' Kristu hija l-imħabba; temmen mela jfisser tingħaqad ma' Kristu u tidħol f'imħabbtu. Issir ħolqien ġdid. Huwa għalhekk li Pawlu, fl-Ittra lill-Galatin, fejn żviluppa sewwa d-duttrina tiegħu dwar il-ġustifikazzjoni, jitkellem mill-fidi li taħdem permezz tal-imħabba (ara Gal 5:14).

Pawlu jaf li fl-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu hija preżenti u tiġi attwata l-Liġi kollha kemm hi. Hekk ukoll fl-għaqda ma' Kristu fil-fidi toħloq l-imħabba u l-Liġi kollha hija realizzata. Insiru ġusti meta nemmnu u ningħaqdu ma' Kristu li huwa mħabba. Il-fidi fi Kristu toħloq l-imħabba. L-imħabba hija r-realizzazzjoni tal-għaqda ma' Kristu. B'hekk, magħqudin miegħu fl-imħabba, jagħmilna ġusti.

Mela, huwa Alla nnifsu li jiġġustifikana, għax jgħaqqadna ma' Kristu nnifsu permezz tal-fidi. Mela, hija l-fidi li, skont Pawlu, tagħmilna ġusti. Imma l-fidi mhijiex biss xi ħsieb,





opinjoni jew idea. Din il-fidi hija għaqda ma' Kristu. U jekk hija għaqda vera twelled neċessarjament l-imħabba, tiġi espressa fl-imħabba u l-karità. Fidi mingħajr imħabba hija fidi bla frott, hija fidi mejta.

Hu għalhekk li Pawlu, fl-Ittra lill-Galatin, minn banda jinsisti fuq il-gratwità tal-ġustifikazzjoni li ma tasalx permezz tal-opri tal-bniedem, imma fl-istess ħin jinsisti fuq ir-relazzjoni bejn il-fidi espressa fl-imħabba, il-fidi allura li ssir azzjoni li ssir għemejjel: "Għaliex fi Kristu Ġesù, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma jkun jiswa ħlief biss il-fidi li taħdem permezz tal-imħabba" (Gal 5:6).

Għalhekk Pawlu jista' jitkellem mill-"għemejjel tal-ġisem" (Gal 5:19-21) u "l-għemejjel tal-Ispirtu" (22) li huma frott tal-ispirtu, espressjoni intima u neċessarja tal-fidi. U l-ewwel għemil tal-ispirtu hija l-imħabba (agape)...għax l-Ispirtu, li huwa l-Imħabba tal-Missier u tal-Iben, iferra' l-ewwel don tiegħu, l-agape, f'qalbna (Rum 5:5). Hija l-imħabba li ssir imħabba fraterna, li fiha tinkarna ruħha l-imħabba ta' Alla u ta' Kristu, permezz tal-Ispirtu.

Ġustifikati bil-qawwa tad-don tal-fidi fi Kristu, min jemmen jiġi msejjaħ jgħix fl-imħabba ta' Kristu għall-proxxmu (Gal 6:2).

F'din il-prospettiva, iċ-ċentralità tal-ġustifikazzjoni mingħajr l-opri, tema ewlenija tal-predikazzjoni ta' Pawlu, mhijiex f'kuntradizzjoni mat-tema tal-fidi li tidher u topera fl-imħabba; anzi, titlob li l-istess fidi tagħna tiġi espressa fil-ħajja ġdida skont l-Ispirtu.

Għaliex ġejna ġġustifikati fi Kristu, m'aħniex aktar tagħna nfusna, sirna tempji tal-Ispirtu u aħna msejħin biex nigglorifikaw lil Alla bil-ħajja kollha tagħna (1Kor 6:19). Aħna tnaddafna, tqaddisna u ġejna ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna (1Kor 6:11), ġejna mixtrija bid-demm ta' Kristu. Tħallas prezz għoli

għalina u proprju għalhekk, il-fidi twassalna biex noffru ġisimna b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom (Rum 12:1)...fidi li espressa f'din il-qima eżistenzjali ssir servizz ta' qadi fl-imħabba lejn l-aħwa. U fuq dan hemm anke ġudizzju: "Jeħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu ħalli kulħadd jieħu skont it-tajjeb u l-ħazin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem" (2Kor 5:10).

"Min hu fi Kristu huwa ħolqien ġdid" (2Kor 5:17): Iġġustifikati biss fil-fidi fi Kristu, Alla jgħaqqadna ma' Kristu Ġesù, Mulej, Feddej u Salvatur, iqaddisna, isalvana, jirrikonċiljana miegħu permezz ta' Ibnu.

Mhux ta' b'xejn illi Pawlu joħroġ bi stqarrija tremenda f'2Kor 5:21: "Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla". Bis-saħħa ta' din il-fidi nitlaqqmu fi Kristu, fl-imħabba. Bis-saħħa ta' din ir-relazzjoni eżistenzjali miegħu nsiru għodda ta' mħabba, permezz tal-Ispirtu, imħabba li neċessarjament tidher mal-proxxmu, fl-għemejjel tal-Ispirtu. Dan fuq livell individwali, imma anke fuq livell ta' Knisja, ta' komunità, ta' miġemgħa li temmen fl-imħabba. Dik l-imħabba li dehret fi Kristu Ġesù u li ħadd u xejn ma jista' jifridna minnha! (Rum 8:31-39).

